# Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## RIK NRU 87/2024: **WESLEY THEUMA (KI. 201292M) V. J&P JOSHUA AND PARIZEY COMPANY LIMITED (C91971) U EJAZ MATTOO (KI. 108870A)**

(AMMONT DOVUT – IS-SOLIDARJETA' M'HIJIEX PREŻUNTA F'OBBLIGAZZJONIJIET ĊIVILI IŻDA HIJA PREŻUNTA GĦALL-GARANTI TA' OBBLIGAZZJONIJIET KUMMERĊJALI UKOLL JEKK MA JKUNX KUMMERĊJANT – IR-RINUNZJA GĦAD-DRITT TAL-BENEFIĊĊJU TAL-ESKUSSJONI )

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**5 ta' Mejju 2025**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Wesley Theuma (hawn imsejjaħ "ir-rikorrent") ippreżentat fis-6 ta' Mejju 2024[1] li permezz tiegħu talab lil J&P Joshua and Parizey Company Limited (hawn imsejjħa "l-kumpanija intimata") u lil Ejaz Mattoo (hawn imsejjaħ "l-intimat") – flimkien imsejjħa l-intimati - sabiex jidhru fid-data appuntata għas-smiegħ u jgħidu 'l għaliex m'għandhomx jiġu kkundannati mill-Qorti illi:

> **'jħallsu lill-attur is-somma ta' tmint elef (€ 8,000) Euro rappreżentanti prezz ta' makkinarju mibjugħ lill-intimati kif miftiehem fi klawżola 2.1 tal-ftehim bejn il-partijiet datat 17 ta' Diċembru 2022.**
>
> **Bl-ispejjeż, bl-imgħax u l-intimati jibqgħu inġunti għas-subizzjoni'**

wara li rat li bl-Ordni tagħha tal-14 ta' Ġunju 2024[2] maħruġa skond l-Art. 173(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti *inter alia* ordnat lill-intimati sabiex jippreżentaw ir-risposta tagħhom u jekk ikun il-każ, kontrotalba, fi żmien għoxrin ġurnata min-notifika

[1] Fol 1
[2] Fol 3-5

lilhom tar-rikors u tal-Ordni u inoltre appuntat il-kawża għall-provi tar-rikorrent għall-4 ta' Novembru 2024,

wara li rat li l-intimat ġie notifikat bir-rikors promotur u bl-Ordni msemmija inkluż l-avviż tas-smiegħ fil-22 ta' Ġunju 2024[3],

wara li rat illi l-intimat baqa' ma daħħal l-ebda risposta fit-terminu prefiss lilu,

wara li rat li fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2024 l-intimat ma deherx u ġie ppreżentat mir-rikorrent bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti kapitolu għas-subizzjoni tal-istess intimat[4],

wara li rat li fit-18 ta' Novembru 2024 l-intimat ma deherx għas-subizzjoni tiegħu u għalhekk il-Qorti qieset bħala ammess l-istess kapitolu li kien ġie ippreżentat[5],

wara li rat li fl-istess seduta r-rikorrent ċeda l-kawża fil-konfront tal-kumpanija intimata[6],

wara li rat li fis-27 ta' Novembru 2024 il-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrent magħmulha b'rikors ippreżentat fis-26 ta' Novembru 2024, sabiex is-sorte indikat fir-rikors promotur jiġi jaqra € 18,000[7],

wara li rat illi fis-seduta tat-3 ta' Frar 2025 ir-rikorrent formalment iddikjara tramite l-avukat difensur tiegħu illi kien qed jirriduċi s-sorte għal € 15,000[8],

wara li rat li fis-seduta tal-lum 5 ta' Mejju 2025 ir-rikorrent irtira il-kapitolu li kien ġie ppreżentat għas-subizzjoni tal-intimat, liema kapitolu kien ġie sussegwentement ammess u talbet li l-kawża titħalla għas-sentenza,

wara li semgħet ix-xhieda tar-rikorrent

wara li rat l-atti proċesswali,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Ir-rikorrent fetaħ il-kawża sabiex jitlob mill-intimati is-somma ta' € 8,000 rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' makkinarju mibjugħ lilhom abbażi ta' ftehim datat 17 ta' Diċembru 2022, liema bilanċ baqa' ma tħallasx. Intalbu ukoll l-ispejjeż u l-imgħax legali.

[3] Fol 9 wara
[4] Fol 10-11
[5] Fol 12
[6] *ibid.*
[7] Fol 15
[8] Fol 19A

2. Fil-mori (ossia fit-18 ta' Novembru 2024) il-kawża ġiet sussegwentement ċeduta fil-konfront tal-kumpanija intimata[9].

3. L-intimat Mattoo, notifikat skont il-liġi, baqa' ma' daħħal l-ebda risposta u ma deher għall-ebda seduta. Fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2024 ġie ppreżentat mir-rikorrent bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti kapitolu għas-subizzjoni tal-istess intimat[10]. Fil-kapitolu, ir-rikorrent talab lill-intimat '*jipprova bil-ġurament li huwa debitur tar-rikorrent fis-somma u għar-raġunijiet indikati fir-rikors*'. Il-kawża imbagħad tħalliet għas-subizzjoni tal-intimat għat-18 ta' Novembru 2024. Fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2024 l-intimat reġa ma deherx u għalhekk il-Qorti qieset bħala ammess l-istess kapitolu li kien ġie ippreżentat kontrih.[11]

4. Fl-istess seduta xehed ir-rikorrent **Wesley Theuma** li ppreżenta l-ftehim bla data, li skont hu ġie konkluż bejn il-partijiet fis-17 ta' Diċembru 2022[12]. Fl-istess ftehim jirriżulta illi r-rikorrent Theuma, qua venditur kien sa ftit aktar kmieni dakinhar stess qed jikri l-fond magħruf bħala *"Cafe' da Mamma"* fi Triq San Ġiljan, Birkirkara, u li l-sullokazzjoni ta' dan il-fond kienet għaddiet dakinhar stess għand il-kumpanija intimata. Il-ftehim ġie ffirmat sabiex ir-rikorrent jbiegħ l-għamara u l-makkinarju li jappartjenu lilu u li baqgħu fl-istess fond, lill-kumpanija intimata. Il-bejgħ ta' dawn l-oġġetti ġie miftiehem *inter alia* taħt is-segwenti patti u kundizzjonijiet:

> "This sale and assignment is being done and accepted under the following terms and conditions;
>
> 1. For the agreed price of thirty-five thousand euro (€35,000) comprehensively for the Movables and Fixtures, which price shall be paid by the Company to the seller in the following terms:
>
>    - Five thousand euro (€5,000) are presently being paid by the Company to the Seller who gives due receipt;
>    - Five thousand euro (€5,000) to be paid within three months from today;
>    - The balance to be paid in consecutive monthly instalments of one-thousand-euro (€1,000) each payable on the first day (1st) day of every month commencing from the 1st of April 2024."

[9] Fol 12
[10] Fol 10-11
[11] Fol 12
[12] Fol 13A-14B

5. Ġara illi fis-27 ta' Novembru 2024 il-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrent magħmulha b'rikors ippreżentat fis-26 ta' Novembru 2024, sabiex is-sorte indikat fir-rikors promotur jiġi jaqra € 18,000[13] u imbagħad fis-seduta tat-3 ta' Frar 2025 ir-rikorrent formalment iddikjara tramite l-avukat difensur tiegħu illi kien qed jirriduċi s-sorte għal € 15,000[14],

6. L-isfond tal-bdil fis-sorte kien ix-xhieda tar-rikorrent fuq imsemmija u dan stante illi l-ammont dovut laħaq żdied wara l-preżentata tal-kawża. Naturalment ir-riduzzjoni kien hemm bżonn li issir peress illi l-ammont mitlub kif korrett kien jeċċedi l-kompetenza ta' din il-Qorti.

7. Fis-seduta tal-lum ir-rikorrent irtira l-kapitolu għas-subizzjoni tal-intimat li kien ġie ammess minnu stante illi dak kien jikkonċerna biss l-ammont oriġinali mitlub ta' € 8,000.

8. Kif ingħad l-intimat baqa' qatt ma deher minkejja li kien notifikat u kien għalhekk li fis-seduta tal-lum ir-rikorrent talab li l-kawża titħalla għas-sentenza.

9. Fix-xhieda tiegħu r-rikorrent stqarr illi:
   1. Mill-ammont ta' € 5,000 li kellu jitħallas fuq il-ftehim, tħallas biss € 2,000.
   2. L-ammont ta' € 5,000 li kellu jitħallas fi żmien tlett xhur mill-ftehim baqa' ma tħallasx, u
   3. L-arretrati l-oħra ta' € 1,000-il wieħed li kellhom jitħallsu kull l-ewwel ġurnata tax-xahar mill-1 ta' April 2024 baqgħu ma tħallsux.

10. Għalhekk strettament sal-ġurnata li r-rikorrent ta x-xhieda tiegħu l-ammont dovut lir-rikorrent kien dak ta' sittax-il elf euro. Kif ingħad iktar 'l fuq, ir-rikorrent l-ewwel talab korrezzjoni tal-ammont mitlub minn € 8,000 għal € 18,000, liema talba kienet ġiet milqugħa, u sussegwentement irriduċa s-sorte minn € 18,000 għal € 15,000.

11. L-ammont ta' € 15,000 jidher għalhekk li huwa dovut mill-kumpanija intimata lir-rikorrent. Madanakollu l-kawża ġiet ċeduta fil-konfront tal-istess kumpanija intimata u għalhekk il-Qorti ma tistax takkoljalha xi responsabilta' f'dan ir-rigward.

12. Huwa l-intimat biss issa li jrid jirrispondi għat-talbiet tar-rikorrent. L-intimat baqa' qatt ma deher f'din il-kawża u ma ressaq l-ebda provi. Naturalment il-Qorti xorta

[13] Fol 15
[14] Fol 19A

waħda trid tqis jekk fid-dawl tal-provi li tressqu quddiemha, it-talbiet tar-rikorrent humiex ġustifikati jew le **fil-konfront tal-intimat.**

13. Il-ftehim esebit bħala Dok WT1[15] ġie ffirmat bejn ir-rikorrent bħala l-venditur u l-kumpanija intimata bħala l-kumpratur. Ġie iffirmat ukoll mill-intimat Ejaz Mattoo personalment u dan speċifikament għal dak li jingħad fl-aħħar paragrafu tal-ftehim:

> "**Finally, Ejaz Mattoo** also appears in his personal capacity for the purpose of warranting and guaranteeing the payment of the above-mentioned consideration of the Movable Effects and the Fixtures due by the Company to the Seller but this only after the lapse of thirty days from the receipt by the Company of a notice in writing from the Seller calling upon the Company to pay the outstanding dues and the Company remains in default."

14. Ir-responsabiltà tal-intimat hija għalhekk waħda *in subsidium* bħala garanti u dan f'każ biss illi jgħaddu inutilment 30 ġurnata minn mindu r-rikorrent jibgħat lill-kumpanija intimata avviż bil-miktub sabiex tħallsu l-ammonti dovuti lilu.

15. Skont l-artikoli rilevanti tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta:

> **'1925. Il-garanzija hija kuntratt li bih wieħed jintrabat lejn il-kreditur li jissodisfa l-obbligazzjoni ta' wieħed ieħor, jekk dan ma jissodisfahiex huwa nnifsu.'**
>
> **'1934. Il-garanti hu obbligat biss iħallas meta jonqos id-debitur prinċipali, illi qabel xejn għandu jiġi eskuss fuq il-beni tiegħu.'**
>
> **'1935. Il-benefiċċju tal-eskussjoni ma jgħoddx –**
>
> > **(a) jekk il-garanti jkun irrinunzja għal dan il-benefiċċju;**
> > **(b) jekk il-garanti jkun obbliga ruħu *in solidum* mad-debitur;**
> > **(ċ) jekk id-debitur jista' jagħti eċċezzjoni personali, bħal dawk imsemmija fl-artikolu 1926;**
> > **(d) jekk id-debitur ikun sar mhux solvibbli.'**
>
> **'1941. Il-garanti fi ħwejjeġ tal-kummerċ, meta ma jkunx hemm ftehim xort'oħra, jitqies dejjem li hu obbligat *in solidum* mad-debitur.'**

16. Imbagħad skont l-Art. 115 tal-Kap. 13:

---

[15] Fol 14A-B

> **'115. (1) Fl-obbligazzjonijiet kummerċjali, hu preżunt, jekk ma jkunx hemm ftehim kuntrarju, li l-kondebituri huma obbligati *in solidum.***
>
> **(2) L-istess preżunzjoni tgħodd għall-garanti, ukoll jekk ma jkunx kummerċjant, illi jagħmel tajjeb għall-obbligazzjoni kummerċjali.'**

17. Fil-każ in eżami għalkemm si tratta ta' atti ta' kummerċ u kwindi għal obbligazzjonijiet ta' natura kummerċjali, m'hemm l-ebda solidarjetà bejn il-kumpanija intimata bħala d-debitur prinċipali, u l-intimat bħala l-garanti, fid-dawl ta' dak li jingħad fl-aħħar paragrafu tal-ftehim. Madanakollu kien jinkombi fuq l-intimat illi jeżerċita d-dritt tiegħu li jeċepixxi l-benefiċċju tal-eskussjoni jew fir-risposta tiegħu, jew tal-inqas fin-nuqqas ta' risposta, billi jitla' jressaqha fl-istadju tas-smiegħ tal-provi. In-nuqqas tiegħu li jagħmel dan ma jistax ħlief jitqies mill-Qorti bħala rinunzja taċita ta' dan id-dritt.

18. Issa strettament huwa minnu illi mill-atti ma jidhirx illi r-rikorrent qatt bagħat xi avviż bil-miktub lill-kumpanija rikorrenti għall-ħlas, kif jitlob il-ftehim fl-aħħar paragrafu tiegħu. Madanakollu huwa ċar illi r-rikors promotur innifsu għandu jitqies ekwivalenti għal tali avviż u għalhekk m'hemmx dubbju illi llum il-ġurnata, anke bl-applikazzjoni tal-prinċipju tal-*jus superveniens,* l-intimat għandu jitqies responsabbli għall-ħlas tal-ammont dovut mid-debitur prinċipali.

**Deċiżjoni**

19. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddisponi minn din il-kawża billi filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-kawża fil-konfront tal-kumpanija intimata fid-dawl taċ-ċessjoni reġistrata fl-atti, tilqà t-talbiet tar-rikorrent fil-konfront tal-intimat b'dan illi:**

    1. **Tiddikjara illi l-intimat huwa debitur tar-rikorrent fis-somma ta' ħmistax-il elf euro (€ 15,000).**

    2. **Tikkundanna lill-istess intimat iħallas dan l-ammont lir-rikorrent flimkien mal-imgħax legali b'effett mill-1 ta' Novembru 2024.**

    **Bl-ispejjeż kontra l-intimat.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur